Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Onor. Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Il-Pulizija

Spettur Frankie Sammut

Vs

Ismail Ghandi

Illum 16 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ismail Ghandi, ta' nazzjonalita Ivorjana, imwieled fl-1 ta' Jannar, 1988 f'Abidjan u residenti il-Marsa Open Center:

Talli fil-15 ta' Novembru, 2015 u jew fil-jiem ta' qabel ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport, jew uza jew kellha fil-pusess tieghu xi Passaport, li hi kienet taf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmlua skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-att li jkun falsifikat maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara illi l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi, senjatament l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 32(1d) u 32(1f) tal-Kap 217 tal-Ligijet ta' Malta.

Stante ammissjoni sabet lill-imputat Ismail Ghandi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal-sitt xhur prigunerija.

Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Magistrat